# LEĠISLAZZJONI SUSSIDJARJA 350.31

## ĦTIĠIET DWAR STANDARDS U PRATTIKA DWAR REKLAMAR, METODI TA' REKLAMAR U DIREZZJONIJIET DWAR KOLLEZZJONIJIET PUBBLIĊI FUQ IL-MEZZI TAX-XANDIR

12 ta' Diċembru, 2008

*IN-NOTIFIKAZZJONI TAL-GVERN 1105 ta' l-2008.*

It-titolu ta' dawn l-ħtiġiet huwa Ħtiġiet dwar Standards u Prattika dwar Reklamar, Metodi ta' Reklamar u Direzzjonijiet dwar Kollezzjonijiet Pubbliċi fuq il-Mezzi tax-Xandir. Titolu.

**1.** L-Isfond

1.1 Dawn il-Ħtiġiet dwar Standards u Prattika dwar Reklamar, Metodi ta' Reklamar u Direzzjonijiet saru mill-Awtorità tax-Xandir bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilha bl-artikoli 19(3) u (5) u 20(3) ta' l-Att dwar ix-Xandir. Kap. 350.

1.2 Programmi u reklamar, li għandhom x'jaqsmu ma' kollezzjonijiet pubbliċi jew li jirreferu għalihom u li huma l-għan prinċipali ta' dawn il-ħtiġiet għandhom jikkonformaw ma' kull leġislazzjoni Maltija rilevanti b'mod partikolari l-Att dwar il-Kollezzjonijiet Pubbliċi u l-Att dwar l-Organizzazzjonijiet Volontarji. Kap. 279. Kap. 492.

**2.** Indikazzjoni tan-Numru tal-Permess

2.1 Ir-reklami u l-avviżi kollha li għandhom x'jaqsmu ma' kollezzjoni pubblika jew li jirreferu għaliha għandu jkollhom kliem li bih in-numru u d-data tal-ħruġ ta' dan il-permess mill-Kummissarju tal-Pulizija jinqara fuq is-servizz tar-radju u tidher fuq l-iskrin tat-televixin, skont il-każ. Fil-każ ta' servizz ta' televixin, matul ir-reklamar għandu jkun hemm *crawl* bl-informazzjoni kif imsemmi hawn fuq.

2.2 Jekk organizzazzjoni volontarja tkun eżenti mid-disposizzjonijiet tal-Att dwar il-Kollezzjonijiet Pubbliċi skont Ċertifikat maħruġ mill-Kummissarju għall-Organizzazzjonijiet Volontarji, in-numru taċ-ċertifikat u d-data tal-ħruġ għandhom jinqraw fuq is-servizz tar-radju u jidhru fuq l-iskrin tas-servizz tat-televixin, skont il-każ. Fil-każ ta' servizz ta' televixin, il-*crawl* bl-informazzjoni msemmija hawn fuq għandha tidher matul ir-reklamar.

2.3 Fil-każ ta' programm tat-televixin fejn tissemma kollezzjoni pubblika u li dan il-programm hu wieħed kollu kemm hu dwar kollezzjoni pubblika, *crawl* bl-informazzjoni msemmija fil-paragrafi 2.1 u 2.2 hawn fuq għandha tidher fuq l-iskrin tat-televixin fil-bidu tal-programm. Fil-każ ta' programm ta' radju, l-informazzjoni msemmija fil-paragrafi 2.1 u 2.2 hawn fuq għandha tinqara fil-bidu tal-programm.

2.4 Fil-każ ta' programm tat-televixin fejn tissemma

kollezzjoni pubblika u li dan il-programm mhuwiex kollu kemm hu dwar kollezzjoni pubblika imma li waqt il-programm ikun hemm referenza għall-kollezzjoni bħal din, l-informazzjoni msemmija fil-paragrafi 2.1 u 2.2 hawn fuq, għandha tidher fuq l-iskrin tat-televixin waqt dik il-parti tal-programm li fiha jkun hemm riferenza għall-kollezzjoni pubblika. Fil-każ tar-radju, l-informazzjoni msemmija fil-paragrafi 2.1 u 2.2 hawn fuq għandha tinqara fil-bidu tal-programm.

**3.** Regolamenti dwar *Crawls*

L.S. 350.20

3.1 *Crawls* imsemmijin fil-paragrafi ta' qabel ta' dawn il-ħtiġiet għandhom jiġu regolati mill-Ħtiġiet dwar Standards li jkunu Applikabbli għall-*Crawls* u *Captions* fi Programmi tat-Televixin.